# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Jannar 2020**

**Numru 9**

**Rikors Numru 1054/19 TA**

**Ballut Blocks Services Limited (C 8360)**

**vs**

**Emanuel Baldacchino & Co. Limited (C 44700)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ġuramentat preżentat fl-1 ta' Novembru, 2019 mis-Soċjeta` Attriċi u maħluf minn Paul Vella f'isem l-istess soċjeta`, li bih is-Soċjeta` Attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' sebgħa u tletin elf, tlett mija u sebgħa u sebgħin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€37,377.46) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż *bricks*, u *panels*, mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta u dana kif jirriżulta mill-anness *statement* (Dok. "BBS 2") u *Delivery* Notes relattivi (Dok. "BBS 3" sa Dok. "BBS 54");

2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artiklu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' attriċi, s-soċjeta' konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont.

3. Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx.

4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.

5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta li tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' sebgħa u tletin elf, tlett mija u sebgħa u sebgħin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€37,377.46) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż *bricks*, u *panels*, mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tal-istess soċjeta' konvenuta u dana kif jirriżulta mill-anness *statement* (Dok. "BBS 2") u *Delivery Notes* relattivi (Dok. "BBS 3" sa Dok. "BBS 54");

Bl-ispejjeż oltre l-imgħaxijiet legali b'effett mit-***<u>30 ta' April 2019</u>*** sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni tagħha."

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-istess rikors ġuramentat;

Rat li s-Soċjeta' Konvenuta debitament notifikata kif trid il-liġi fit-12 ta' Novembru, 2019 bir-rikors ġuramentat, avviż tas-smiegħ u digriet tal-Qorti tas-7 ta' Novembru, 2019 li bih appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-12 ta' Diċembru, 2019;

Rat li s-Soċjeta' Konvenuta minkejja notifikata kemm bl-avviż ta' smiegħ u anke bid-digriet ta' din il-Qorti baqgħet ma dehritx għas-seduta fuq imsemmija;

Semgħet ix-xhieda ta' Paul Vella fis-seduta tat-12 ta' Diċembru, 2019;

Rat in-nota ta' riduzzjoni preżentata mis-Soċjeta' Attriċi fl-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2019;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hija kawża ai termini tal-artikolu 167 et sequens tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-ammont li qiegħed jintalab mis-Soċjeta` Attriċi jirriżulta li huwa ċert, likwidu u dovut u li Paul Vella, rappreżentant tas-Soċjeta` Attriċi jiddikjara li ma jafx li s-Soċjeta' Konvenuta għandha xi eċċezzjonijiet x'taghti. L-ammont, kemm mid-dokumenti u anke kif ikkonfermat mill-imsemmi Paul Vella fix-xhieda tiegħu, jirriżulta ampjament dovut. Di piu' is-Soċjeta' Konvenuta ma uriet ebda interess li tikkontestah tant li lanqas dehret, minkejja notifikata kif trid il-liġi, biex topponi għall-proċedura bid-dispensa tas-smiegħ.

Permezz tan-nota ta' riduzzjoni s-Soċjeta' Attriċi rriduċiet l-ammont mitlub għal tnejn u tletin elf tlett mija sebgħa u sebgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€32,377.46) (a' fol 26).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tħoss li t-talbiet tas-Soċjeta` Attriċi ġew ipprovati.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** t-talbiet attriċi billi tiddisponi mis-smiegħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddikjara lis-Soċjeta' Konvenuta debitriċi versu s-Soċjeta' Attriċi fl-ammont ta' tnejn u tletin elf tlett mija sebgħa u sebgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€32,377.46) u konsegwentement tikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta tħallas lis-Soċjeta` Attrici l-ammont ta' tnejn u tletin elf tlett mija sebgħa u sebgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€32,377.46) bl-imgħaxijiet kif mitluba sal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-kawża a` karigu tas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**